JOSEPH MUSCAT



# IL-BAMBINI TAL-MILIED

KULLANA KULTURALI

## Kelmtejn Qabel

Waqt li l-kommemorazzjoni tat-twelid ta' Kristu ilha tiġi ċelebrata għal dawn l-aħħar elfejn sena u tmur lura sal-ewwel komunitajitet Insara, iċ-ċelebrazzjoni jew riti marbutin ma' dan iż-żmien tbiddlu mal-medda tas-snin. Il-preżenża tal-Bambini tmur lura biss madwar sitt mitt sena; f'Malta ftit inqas. Mela jkollna ngħidu li tmur lura għal żmien ir-rinaxximent, jew aħjar għall-iskoperta tal-bniedem bħala esseri ċentrali fil-proċess tal-ħolqien tad-dinja.

Ma hemmx dubju li waqt li din in-nozzjoni umanistika ġiet aċċettata u mħaddna minn kulħadd, mħux kulħadd ħass li kellu jesprimiha l-istess. Għal xi wħud, il-kunċett ta' Alla baqa' suġġett astratt, jiġifieri dak li l-Papa Emeritus Benedittu XVI fit-tieni ktieb tiegħu Ġesù ta' Nazzaret, iddeskrivieh bħala spażju li ma jaqax taħt il-liġijiet fiżiċi tan-natura u allura ma hux materja. Dan il-kunċett kien imħaddan mill-Kristjanità kollha matul il-Medjuevu kollu. Mhux kommunità waħda jew tnejn rat f'dan il-kunċett il-bżonn ta' ikonoklażmu li wassal għat-tneħħija ta' immaġini li setgħu jirreferu għal Alla b'mod viżiv fis-sura ta' bniedem u minflok ħolqot jew irrikorriet għal simboli oħra li llum, xi wħud minnhom saru sinonimi mal-Milied. Infatti hemm kulturi li fihom il-Milied hu assoċjat ma' siġra. Hemm oħrajn li fihom hu sinonimu ma' numru ta' xemgħat mixgħulin fit-tieqa. Dawn u kulturi oħra deħlin f'Malta. Ma għandniex nikkundannaw dawn il-kulturi għaliex dawn qegħdin jirriflettu ħsibijiet differenti minn tagħna. Għalhekk l-immaġini ta' Ġesù Bambin ma tantx setgħet tinżel tajjeb f'dawn l-ambjenti u kien diffiċli għaliha biex issir parti minn din il-kultura tal-Milied. Dan ma għandux jitqies bħal xi kliem ta' kundanna.

Benedettu XVI fakkar ukoll fl-istess żewġ kotba tiegħu, bir-rivoluzzjoni li ġab Ġesù ta' Nazzaret f'dik li hija l-istorja tal-umanità u dan hu prexendentement mill-fidi jew ħsieb politiku li wieħed iħaddan. Fil-kamp reliġjuż insibu li Kristu kien l-ewwel raġel wara Mosè li ddjaloga ma' Alla direttament waqt li ra wiċċ Alla. Biss Kristu jmur pass aktar lil hinn minn dan. Mosè l-ġdid issa jsejjaħ lil Alla bħala 'Abba', kelma sempliċi ħafna li tintuża mit-tfal, jiġifieri hija sinonima mal-kelma 'papà' jew ' *daddy*'. Biss it-tifsira etimoloġika tal-kelma 'Abba' hija aktar qawwija minn hekk. Hija tesprimi kunċett ġdid ta' kif is-soċjetà Lhudija ta' żmienu kellha tibda tħares lejn Alla l-Missier. Il-Lhud ta' żmien Kristu lanqas biss ma setgħu jlissnu l-isem ta' Alla daqs kemm kien qaddis u aħseb u ara, jgħajtulu b'dak il-mod hekk sempliċi u puwerili. Minflok kienu jirreferu għalih permezz ta' nomi verbali bħal Setgħani jew nomi aġġettivali bħal il-Kbir. Hawn ta' min ifakkar li l-isem t'Alla fil-forma ta' 'Jaħwe', seta' biss ilissnu l-qassis il-kbir darba fis-sena. Kristu sejjaħ lil



Alla Missieru 'Abba' kif kienu jsejħulu t-tfal, jiġifieri kif tifel jew tifla jgħajjat jew tgħajjat lil missierha fit-tfulija tagħha. Fil-lingwistika soċjoloġika dan it-tip ta' kliem huwa magħruf bħala 'lsien it-trabi' jew *'motherese'* jew kif konna wkoll ngħidulu *'baby language'*. Il-kelma 'abba' kienet waħda minn dawk il-kliem li kienu jlissnu t-tfal Lhud meta jkunu għadhom żgħar, kif missirijietna kienu għallmu t-tfal tagħhom jgħidu 'tuttu' flok żiemel, 'ċejċa' flok ħelu, 'tetu' flok kelb u tant kliem ieħor. Fuq kollox, bħal Lhud ta' żmien Kristu, anki aħna kellna kelma speċjali li biha t-tfal żgħar biss kienu mistennija jirreferu għall-missierhom permezz tagħha, jiġifieri, permezz tal-kelma 'tata'. It-tfal Maltin kienu mistennija jieqfu jużaw din il-kelma u kliem ieħor meta jitfarfru ftit biex b'mod simboliku juru li ġa mit-tfulija tagħhom bdew it-triq biex isiru rġiel jew nisa. Hekk ukoll it-tfal Lhud ta' żmien Kristu kienu mistennija jieqfu jużaw il-kelma Semitika 'Abba' meta jirfsu fuq l-għatba taż-żgħorija. Ikun dan il-kunċett li Kristu Alla kellu wkoll l-infanżja tiegħu li jgħin fl-iskoperta tal-eżistenża tat-tfulija. Fin-naħa t'isfel tal-Ewropa dan sar permezz tad-diffużjoni tal-immaġini ta' Ġesù Kristu fil-forma ta' tarbija.

Illum aktar minn storiku wieħed qed jagħraf il-kontribut li tat il-kultura Kristjana u b'mod partikulari dik Kattolika, fil-mixja tal-bniedem lejn l-iskoperta tal-infanzja. F'dan il-kuntest il-kultura Kattolika kienet importanti għaliex użat l-immaġini reliġjużi biex tgħallem lill-poplu, mħux biss il-kunċetti komplikati teoloġiċi iżda wkoll it-tagħlim soċjali.

Dan il-ktieb hu maħsub biex qabel kollox iżomm l-ispirtu tal-Milied ħaj ġewwa pajjiżna. Iżda l-awtur ried ukoll li mmorru ftit lil hinn minn hekk. Ried li dan il-ktieb ikun vjaġġ pedagoġiku fejn il-qarrej ikun jista' jagħti ħarsa storika lejn l-iżvilupp tal-kult tal-Bambini tal-Milied ġewwa pajjiżna.

Dan hu vjaġġ ta' aktar minn 350 sena ta' tradizzjoni ta' Bambini ġewwa Malta. Joseph Muscat (l-awtur) juri l-iżvilupp ta' dan il-kult u waqt li ma jiddejjaqx ifakkar li primarjament il-festa tal-Milied hija mad-dinja kollha festa tat-tfal.

Sa minn dejjem, anki meta jidħlu l-festi tal-Milied, Malta kienet miftuħa għal ideat minn barra. Ħażin min jara lil Malta f'iżolament. Dan il-poplu qatt ma għex f'iżolament. Dawn il-bambini huma prova oħra ta' dan. Dejjem għexna f'kuntest dinji u dan kien li wassal biex aħna sirna nazzjon indipendenti. Il-bambini huma tarġa oħra, żgħira kemm hija żgħira, f'dan il-proċess storiku. Biss huma wkoll espressjoni tal-addattament tal-kulturi barranin għall-esiġenżi u l-bżonnijiet tagħna, bħalma juru l-materjali li saru minnhom, materjali li x'uħud minnhom wieħed kien jiġborhom b'xejn, bħalma hu t-tafal. Fuq kollox uħud minn dawn il-bambini juru kif l-id Maltija tat is-sehem tagħha għall-iżvilupp ta' din il-kultura għaliex finalment, wara dan il-proċess ta' riti Kattoliċi madwar il-Milied, nibtet u nbniet kultura popolari li daħlet f'kull dar Maltija. Kristu ġie għal kulħadd. U għalhekk kien xieraq li f'dan il-proċess storiku l-Bambin jispiċċa f'kull dar li hija verament Maltija.

Uħud mill-aħjar eżempji ta' Bambini li għandna qegħdin fil-knejjes, għaliex dawn l-imkejjen jesprimu l-ferħ tal-Milied fost il-komunità Nisranija; dawn huma Bambini maħsuba biex jitgawdew minn kulħadd. Bambini li ma għandhomx konfini. Għan-nies ma baqgħux jagħmlu differenza jekk dawn il-Bambini humiex xogħol Malti jew barrani. Dawn saru kollha Bambini tal-Milied. Saru Bambini ta' kulħadd. Bambini bla konfini ġeografiċi, rażżjali jew ta' kull natura oħra. Dan l-ispirtu rebaħ fuq kull immaġni oħra. Għalhekk kull meta xi ħadd jiddeċiedi li jarma bambin ġewwa daru jkun qed jaċċetta u mingħajr ma jrid, qed iwassal dan il-messaġġ. Bla ma jitkellem, iżda permezz tat-tbissima sempliċi tagħhom il-Bambini tal-Milied qed iwasslu lil kulħadd, fqir jew sinjur, iswed jew abjad, raġel jew mara, ċittadin jew klandestin, il-bxara ta' paċi u serħan.

Ma hemmx dubju li l-awtur ipprova jinkludi dawk il-Bambini li hu ħass li għar-raguni ta' estetika jew storja, kellhom ikunu diskussi. Biss minħabba li l-ktieb jibbaża wkoll fuq kollezzjonijiet privati żgur li hemm Bambini ta' preġju artistiku. Għalhekk nieħu gost jekk dan il-ktieb iwassal biex joħorgu aktar fil-beraħ teżori moħbija li għandna ġewwa l-gżejjer tagħna.

**Dr Simon Mercieca**
**Università ta' Malta**